MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Numru 625/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**

**vs**

**Marwen Ben Mustafa Alllagui**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Marwen Ben Mustafa Allagui** ta' 26 sena, bin Mustafa u Halima nee' Garbug, imwieled it-tunezija, karta tal-identita' 00262474A, akkuzat talli:

Nhar is-6 ta' Lulju, 2004, ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghodu f'Ghajn Tuffieha, waqt li kont qieghed issuq vettura tat-tip Maruti bin-numru ta' registrazzjoni DAK957, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraggni, b'sewqan perikoluz

u/jew b'nuqqas ta' hila fis-seqan, u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Donna Galea, Melissa Galea u Charmaine Tonna, skond kif iccertifikaw Dr. Mary Rose Cassar MD., Dr. Kevin Zammit MD u Dr. Jonathan Joslin MD, kif ukoll feriti hfief fuq il-persuna ta' Maria Tonna, skond kif iccertifikat Dr. Nicola buttigieg MD;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi in breve dan il-kaz si tratta ta' incident fejn l-imputat kien qed isuq vettura jeep 4x4 fuq korsa "offroad" u cioe fis-shooting ranges tal-ex militar f'Ghajn Tuffieha meta il-vettura tieghu waqghet gholi ta' madwar sular bil-passiggiera tieghu b'kollox.

Irrizulta illi l-kwerelanti kienu pprenotaw Jeep Safari mad-ditta Captain Morgan. L-imputat kien it-Tour Leader u dan ifisser illi kien qed isuq wahda mill-jeeps armata b'CB radio biex jikkomunika mat-tlett jeeps l-ohra li kienu qed isegwuh biex jispjegalhom dak li kienu qed jaraw. Il-jeeps l-ohra kienu misjuqa minn persuni li xtraw it-tour u mhux minn nies tad-ditta bhalma kien l-imputat. Meta t-tour wasal ghall-parti "offroad", l-imputat saq ghal fuq rampa ta' gholi madwar sular izda malli wasal fil-quccata taghha, l-vettura waqghet fil-vojt li kien hemm wara r-rampa. Konsegwenza ta' hekk, Donna Galea sofriet griehi gravi konsistenti f'telf ta' kilwa u telf ta' parti mill-fwied kif ukoll griehi hfief. Melissa Galea ittaqbilha pulmun u sofriet zewg slip disks f'daharha. Maria Tonna sofriet griehi ta' natura gravi f'ghonqa u spallitha u dizabilita konsistenti f'nuqqas ta' smiegh. Charmaine Tonna sofriet fratturi multipli fl-ghadam ta' wiccha u l-ghadam ta' madwar l-ghajn u kellha bzonn ta' interventi kirurgici sabiex jitrangaw il-qiegh tal-ghajn u l-ghadam ta' wiccha.

Minhabba riskji serji kien deciz li ma jsirux aktar interventi biex jikkoregu l-isfigurazzjoni tal-wicc.

Ikkunsidrat inolte, illi din il-Qorti semghet, kif del resto ikkonstatat hi stess f'access appozitu, illi fil-post tal-incident kien hemm zewg rampi simili u retroposti ghal xulxin bid-differenza illi wahda minnhom kienet rampa li taghti ghall-elevazzjoni ta' art gholja daqs il-quccata tar-rampa filwaqt illi ir-rampa l-ohra ma kellha xejn warajha hlief waqa ta' sular. L-imputat kellu jiehu l-ewwel rampa hawn deskritta u mir-rotta li kellu jiehu din kienet it-tieni rampa b'dan illi kull ma kellu jaghmel hu li jhalli l-ewwel rampa fuq ix-xellug tieghu u malli jigi fil-vizta tat-tieni rampa, jiehu lilha. Gara izda illi huwa ha l-ewwel rampa u malli tela fil-quccata, l-vettura tieghu sabet il-vojt u naturalment waqghet ghal-isfel.

Illi bhala sewwieq, anke jekk mhux fit-triq, l-imputat kellu jezercita d-doveri li kull sewwieq ghandu jhares, fosthom li jzomm a proper lookout. Dan id-dover illum huwa mnaqqax fil-gurisprudenza taghna u fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali recenti, **il-Pulizija vs Joseph Portelli Demajo (13/7/2005)** kien ritenut illi hu ovvju ukoll li l-aktar prekawzjoni elementari hija dik li tesplora tajjeb it-triq billi tezercita "a proper lookout", u l-Qorti citat is-sentenza Ingliza Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co Ltd (1968) fejn intqal:

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist shall have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fis-sentenza fuq citata tat-13 ta' Mejju 2005, il-Qorti ziedet tghid ukoll illi :

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** [10.8.1963] gie ritenut li "*Hu dover ta' driver 'to see what is in plain view ' .*" U fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. J. M. Laferla**" [17.6.1961] gie deciz li *"min ma jarax dak li*

*ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm ’a proper lookout’ ”.*

Issa fil-kaz in dizamina jehtieg ikun ezaminat jekk in-nuqqas ta’ proper lookout tal-imputat, li bla dubju ta’ xejn jezisti, jammontax ghal-sewqan negligenti, traskurat jew perikoluz u hawn ikun opportun ukoll li terga ssir referenza ghal dak ritenut fis-sentenza fuq citata tat-13 ta’ Lulju 2005 fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:

Illi dwar l-ewwel tlitt imputazzjonijiet, gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i) **negligent**i ; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta’ “**degree**”. (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59] ; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p. 1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta’ taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim. **Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta’ sewqan perikoluz , hemm bzonn ta’ certu grad ta’ *“recklessness*” (App. Krim. **Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol.XXXIX p. 1018].) “*Recklessness”* giet defenita bhala “*wilfully shutting one’s eye”* (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina** , [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri** , [Vol. XLIV , p.892] )

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : **“The Police vs. Gunner Brian Wilson**” [7.5.1955] li :-

*“It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless*

*driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Manwel Mallia"** [9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo** " [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)

Imbaghad fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes"** ( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

*"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ."* (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)

Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta' **Mallia** u **Bartolo** fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit, kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz. Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."*

Din il-Qorti hasset il-htiega li tirriproduci parti sostanzjali mis-sentenza tal-Appell Kriminali ghaliex hi tal-fehma li din tigbor l-essenzjal tal-gurisprudenza dwar il-kaz in dizamina.

Issa, minn ezami tal-assjem tal-provi, jirrizulta illi l-imputat kien traskurat, negligenti u perikluz fis-sewqan tieghu sa mill-bidu ta' dan it-tour u mhux biss fis-sekondi partikolari fejn hu iddecieda li jiehu l-ewwel rampa minflok it-tieni. Jirrizulta illi l-vettura tal-imputat ma kienitx mghammra b'seat belts funzjonanti fuq wara u dawn kienu mehtiega mhux biss skond il-ligi izda ukoll minhabba l-fatt illi t-tour kellu jaccedi f'partijiet fejn it-triq kienet imharbta hafna biex tissimula safari tant li f'hin minnhom il-passiggiera kienu qed jaqbzu minn fuq is-seats taghhom. L-imputat kien irrimarka lill-passiggiera illi s-seat belts ma kienux mehtiega. A fol 269 l-imputat jghid li ma hassx il-htiega li

joqghod jiccekkja s-seat belts kuljum. Jirrizulta ukoll illi l-imputat kien offra lil wahda mill-pasiggiera biex issuq hi minkejja li ma kellhiex 23 sena skond ir-regolamenti tas-Safari u hu kien insista li ma kienx hemm htiega li jkollha 23 sena. Inoltre huwa ma staqsa ghal ebda verifika ta' licenzji tas-sewqan mill-persuni li kienu ser isuqu l-jeeps l-ohra. Dan xehduh diversi persuni fl-inkjesta.

Tour Leader tal-Captain Morgan, certu Maurice Dimech, xehed illi dak ix-shooting range mhux qieghed fl-iteneraju taghhom. Dan ikkonfermah ukoll Joseph Agius li spjega illi it-tour kellu jghaddi minn bejn iz-zewg rampi. (sottolinear tal-Qorti). Allura jirrizulta illi d-decizjoni li jiehu jitla r-rampa kienet purament tal-imputat.

L-imputat qal li huwa ottjena licenzja tas-sewqan f'Malta ghaliex it-Tunezija kien isuq minghajr licenzja. Ghall-ewwel xehed illi kien ottjena l-licenza xi sena u nofs qabel l-incident izda ghad-domanda in kontro ezami jekk jistax ikun li kien ilu biss hames xhur qabel l-incident li ottjena l-licenzja wiegeb li jista' jkun (ara fol 257).

Illi fix-xhieda tieghu l-imputat jghid illi meta tela r-rampa huwa kellu velocita ta' bejn 5 u 10 km fis-siegha u tela fuq il-first gear. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni jikkontrarjaw dan kollu meta jghid li f'hin minnhom il-vettura ta' quddiemhom, allura misjuqa mill-imputat, qatet sew quddiemhom u kien qed jaghmel figura ta' 8 u xorta ma lahqux mieghu, l-passiggiera bdew jaqbzu minn fuq is-seats taghhom u l-imputat kien ghaddej b'velocita' ta' madwar 40 Km fis-siegha. Mill-access fuq riferit, il-Qorti kienet uriet dubji serji dwar id-dikjaraazzjoni tal-imputat li kien tiela fuq il-first gear ghaliex fil-quccata tar-rampa hemm bicca pjanura ta' cirka metru qabel il-waqa' u f'kaz li kien ghaddej bil-first gear il-vettura setghet tieqaf hesrem semplicemnt billi wiehed jerhi l-pedala tal-accellator u l-vettura tispicca tistrieh fuq il-qiegh taghha anke jekk bir-roti ta' quddiem fl-arja. Il-fatt illi l-vettura spiccat taht ir-rampa jinduci lill-Qorti li ma temminx il-verzjoni tal-imputat izda temmen dik tad-diversi xhieda li qalu li kien ghaddej bi speed ferm akbar.

Illi ghalhekk il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-kaz tal-prosekuzzjoni kontra l-imputat huwa pruvat fil-grad li trid il-ligi u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Kontributorjeta:

Illi fil-kamp kriminali il-kontributorjeta ma ghandha l-ebda locus standi meta si tratta ta' ezami ghas-sejbien ta' htija o meno izda ghandha parti importanti meta l-Qorti tarroga dik il-piena misthoqqa, Dan qed jinghad ghaliex waqt is-smieh tal-provi irrizulta illi s-socjeta ' Captain Morgan ma ezercitatx dawk id-doveri biex tara li dan l-incident ma jsehhx. Irid jinghad illi din ma kellha ebda hjiel tal-esperjenza o meno fis-sewqan tal-imputat. Hija stenniet minnu li jaghmilha ta' gwida u sewwieq fl-istess hin b'mod illi irid jara li l-vetturi ta' warajh qeghdin kollha isegwu id-direzzjonijiet tieghu u fl-istess waqt isuq il-vettura tieghu u jaghti informazzjoni u direzzjonijiet fuq ir-radio lil-vetturi l-ohra. Il-kumpanija provdiet vetturi minghajr l-appart mehtieg riferibilment ghas-seat belts u inoltre, u forsi aktar importanti, provdiet tour leader minghajr ma taghtu it-tahrig mehtieg ghal-dan ix-xoghol partikolari. Bizzejjed li wiehed jara id-deposizzjoni ta' min hu responsabbli mill-imputat meta jghid li bhala training gieli ha lill-imputat mieghu biex jurih ir-rotta tat-tour (fol 104). A fol 261 l-imputat jikkonferma illi huwa l-manager tieghu u kien hadu darbtejn mieghu biex jurih ir-rotta u jekk dan hu t-tahrig li jirreferi ghalih Maurice Dimech a fol 102, allura hemm nuqqas serju da' parti tal-kumpanija. Il-Qorti thoss illi dan in-nuqqas ghandu jimmilta favur l-imputat kwantu il-piena u ser tiehu dan in-konsiderazzjoni;

Wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) Kap 65, 226 (1) (a) (b) (c) u 328 (b) (c) (d) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sena mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti

rejat iehor punibbli bi priguerija fi zmien sena mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------